



Brussell, 23 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12446/25

LIMITE

CORLX 850
CFSP/PESC 1268
COLAC 132

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720¹.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 tapplika sal-15 ta' Ottubru 2025. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sal-15 ta' Ottubru 2026 u jenħtieġ li tiġi aġġornata d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal żewġ persuni fiżiċi elenkati fl-Anness tagħha.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1720/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 9, id-data "15 ta' Ottubru 2025" hija sostitwita bi "15 ta' Ottubru 2026";
- (2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 1(1) u 2(1)", l-entrati 7 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
"7.	Rosario María MURILLO ZAMBRANA Pseudonimu: Rosario María MURILLO DE ORTEGA	Pożizzjoni(jiet): Viċi President tar-Repubblika tan-Nikaragwa (minn Frar 2025, preċedentement Viċi President, mill-2017). Mart il-President Daniel Ortega Data tat-twelid: 22 ta' Ġunju 1951 Post tat-twelid: Managua, in-Nikaragwa Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana Numru tal-passaport: A00000106 (in-Nikaragwa)	Viċi President tan-Nikaragwa minn Frar 2025, First Lady tan-Nikaragwa u mexxejja taż-Żgħażaġħ Sandinisti. Viċi President tan-Nikaragwa minn Jannar 2017 sa Frar 2025. Hija qdiet rwol strumentali biex tkegħeġ u tiġġustifika r-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet tal-oppożizzjoni mill-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa fl-2018. F'Ġunju 2021, hija heddet pubblikament lill-oppożizzjoni tan-Nikaragwa u skreditat lill-ġurnalisti indipendenti. Dak it-theddid ġie ripetut minn dak iż-żmien 'l hawn. Fi Frar 2023, Daniel Ortega żvela li Rosario María Murillo Zambrana hija l-istigatur ta' repressjonijiet ġodda, jiġifieri relatati mat-tkeċċija u ċ-ċaħda ta' ċittadinanza ta' 222 prigionier politiku. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u għall-imminar tad-demokrazija fin-Nikaragwa.	2.8.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
9.	Juan Antonio VALLE VALLE	Pożizzjoni(jiet): Mexxej fil-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa Klassifikazzjoni: General/Kummissarju Għoli Data tat-twelid: 4 ta' Mejju 1963 Post tat-twelid: Matagalpa, in-Nikaragwa Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana	Mexxej fil-grad ta' kummissarju għoli (it-tieni l- għola grad) tal-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa (NNP) u sa Frar 2025 f'pożizzjoni ta' tmexxija fil- pulizija f'Managua, Juan Antonio Valle Valle huwa responsabbli għal atti ta' brutalità ripetuta mill- pulizija u użu eċċessiv tal-forza li rriżultaw fl- imwiet ta' mijiet ta' ċittadini, għal arresti u detenzjonijiet arbitrari, għal ksur tal-libertà tal- espressjoni u għall-prevenzjoni ta' dimostrazzjonijiet kontra l-gvern. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fin-Nikaragwa.	2.8.2021''